**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tas-27 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 529/01GC**

**Double R Meats Company Limited**
**Vs.**
**Emmanuel Micallef**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn hames mija seba u sebghin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm2,577.28) rapprezentanti l-prezz ta' laham lilu mibjugh u lilu konsenjat.

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat kemm il-darba sabiex jersaq ghall-hlas huwa baqa inadempjenti;

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba ghall-hlas;

Talbet ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex m'ghndiex dina l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Vella, debitament awtorizzat sabiex jirraprezenta is-socjeta attrici, hawn annessa mmarkata Dokument "X" u dispensat is-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu l67 et seq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta

attrici s-somma ta' elfejn hames mija seba u sebghin lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm2,577.28) rapprezentanti l-prezz ta' laham lilu mibjugh u lilu konsenjat;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtellatorju numru 852/00FF, u bl-imghax kummercjali mit-22 ta' Frar, 2001, li hija d-data tal-ahhar konsenja, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li il-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa kontumaci u fis-seduta tallum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef

Deputat Registratur